# PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

Onor. Imħallef Henri Mizzi

**Illum 22 ta' Novembru 2024**

**Nru: 2**

**Rikors Ġuramentat Nru. 513/2022**

## Paul Piscopo u Alexandra Piscopo

**v**

## Direttur Ġenerali (Dwana)

**Daħla**[1]

1. Fl-2009, is-sinjuri Piscopo kienu akkwistaw bastiment, jismu *Alexandra 1,* mill-Eġittu. Ftit wara li ddaħħal Malta, il-bastiment inqabad mid-Direttur Ġenerali wara li kien sar tiftix fuq vann li fuqu kienet tħattet, fis-sigħat bikrin ta' għodwa f'Ottubru ta' dik is-sena, kwantità ta' *gasoil*, jew *diesel*, minn fuq l-*Alexandra 1*. Il-Pulizija kienet mexxiet kriminalment kontra s-sur Piscopo, filwaqt li s-sur Piscopo u martu, is-sinjura Piscopo,

[1] Il-kawża baqgħet f'isem id-Direttur Ġenerali (Dwana) għalkemm ir-responsabbiltà li kellu d-Direttur reġgħet lura għand il-Kummissarju tat-Taxxi. Skond l-art. 3(3A) tal-Kap. 17 kull referenza f'atti ġudizzjarji għall-Kontrollur tad-Dwana għandha tinftiehem bħala referenza għall-Kummissarju tat-Taxxi. Ara *footnote* 1 tan-nota ta' osservazzjonijiet tad-Direttur.

fetħu proċeduri biex jitwarrab il-qbid tal-bastiment. B'sentenzi tal-Qorti tal-Appell Kriminali u tal-Qorti tal-Appell rispettivament, instab li (i) is-sur Piscopo ma kienx ħati tal-akkużi miġjuba kontrih u (ii) li l-bastiment[2] kellu jiġi rilaxxat favur tiegħu.

2. F'din il-kawża s-sinjuri Piscopo qegħdin jitolbu danni għaż-żmien li fih il-bastiment baqa' maqbud.

### Ir-rikors ġuramentat

3. Ir-rikors ġuramentat tas-sinjuri Piscopo jgħid hekk:

> i. Illi l-atturi kienu proprjetarji ta' bastiment tas-sajd bl-isem ta' MFV Alexandra I – Official Number 12008.
>
> ii. Illi l-konvenut kien ħareġ nota ta' qbid fuq dan il-bastiment tas-sajd u dan fl-14 ta' Ottubru 2009.
>
> iii. Illi l-atturi kienu kkontestaw din in-nota ta' qbid skont il-liġi liema proċeduri kienu fl-istess ismijiet u kellhom rikors numru 1061/09SM.
>
> iv. Illi, wara ħafna talbiet, fl-2015 l-esponenti kienu ġew awtorizzati jirriprendu l-pussess tal-bastiment bil-kundizzjoni li jiddepożitaw is-somma ta' €35,000. Fil-fatt kienu ddepożitaw din is-somma biex setgħu ħadu lura l-bastiment.
>
> v. Illi dawn il-proċeduri ġew deċiżi finalment permezz ta' sentenza tal-Qorti ta' l-Appell datata 17 ta' Marzu 2021. F'din is-sentenza l-Qorti ta' l-Appell irrevokat in-nota ta' qbid in kwistjoni.
>
> vi. Illi sussegwentement il-konvenut intavola proċeduri ta' ritrattazzjoni liema proċeduri ġew deċiżi fil-15 ta' Frar 2022 u fil-fatt it-talba għal ritrattazzjoni ġiet miċħuda.
>
> vii. Illi fil-frattemp l-esponenti sofrew danni konsistenti f'telf ta' qliegħ, telf ta' imgħax fuq il-garanzija depożitata u minħabba deprezzament tal-bastiment in kwistjoni.
>
> viii. Illi l-konvenut ġie interpellat b'ittra uffiċjali datata 24 ta' Marzu 2021 biex jirrifondi l-garanzija u jersaq għal-likwidazzjoni u ħlas ta' danni.
>
> ix. Illi l-konvenut irrifonda l-garanzija però baqa' idempjenti dwar il-pretenzjoni ta' danni.
>
> x. Illi l-esponent jaf b'dawn il-fatti personalment.
>
> Ghaldaqstant l-atturi jitolbu umilment li din l-Onorabbli Qorti joġġhobha:
>
> i. Tiddikjara illi, minħabba li l-konvenut ħareġ nota ta' qbid fuq il-bastiment ta' l-atturi MFV Alexandra I – Official Number 12008 fl-14 ta' Ottubru 2009 liema nota ta' qbid

[2] Sa meta ngħatat is-sentenza tal-Qorti tal-Appell, il-bastiment kien laħaq ġie sostitwit b'garanzija, u allura l-effett prattiku tas-sentenza kien li l-garanzija, u mhux tal-bastiment, tintradd lura. Dan fil-fatt sar, u d-Direttur issa jgħid li la darba aċċetta l-garanzija lura, allura skont l-art. 74(3) tal-Kap. 37, hu mhux responsabbli għad-danni.

ġiet sussegwentement revokata permezz ta' sentenza tal-Qorti ta' l-Appell datata 17 ta' Marzu 2021, l-atturi sofrew danni;

ii. Tillikwida d-danni sofferti mill-atturi a tenur ta' l-ewwel talba;

iii. Tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-atturi d-danni hekk likwidati.

Bl-ispejjez inkluż dawk ta' ittra uffiċjali datata 24 ta' Marzu 2021 u l-konvenut inġunt in subizzjoni.

## Ir-risposta ġuramentata u dik supplimentari

4. Id-Direttur irrisponda hekk:

i. Illi *in linea* preliminari, il-bastiment *Alexandra I* kien maqbud *ai termini* tal-**artikolu 68 tal-Ordinanza tad-Dwana (Kap. 37 tal-Liġijiet ta' Malta)**. Għalhekk, l-esponent qiegħed jeċċepixxi l-improponibbilta` ta' din l-azzjoni minħabba li *ai termini* tal-**artikolu 68(3) tal-Kap. 37 tal-Liġijiet ta' Malta**, "*m'hemm l-ebda jedd ta' azzjoni kontra l-Kummissarju għal danni ikkaġunati bil-ħlas ta' depożitu jew billi jkun inżamm bastiment taħt dan l-artikolu"*. L-istess jgħid l-**artikolu 17(4) tal-Att dwar Dazju tas-SISA (Kap. 382 tal-Liġijiet ta' Malta)**. Dan għandu jwassal għaċ-ċaħda tat-talbiet rikorrenti minnufih*;*

ii. Illi subordinatament u mingħajr preġudizzju għas-suespost, it-talbiet kif imressqa fir-rikors promotur huma infondati fil-fatt u fid-dritt u dan għar-raġunijiet segwenti:

a. Illi l-esponent aderixxa ruħu mad-deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell datata 17 ta' Marzu, 2021, fejn ġiet rilaxxjata l-garanzija fl-ammont ta' EUR35,000 li kienet tirrappreżenta l-bastiment *Alexandra I*;

b. Illi matul il-proċeduri ta' kontestazzjoni ta' qbid, l-esponent ma kienx f'obbligu li jirritorna lura l-bastiment *Alexandra I* in kambju għal garanzija (li f'dan il-każ kienet tammont għal EUR35,000), iżda kienet biss fid-diskrezzjoni tiegħu li jaċċetta l-proposta tar-rikorrenti *ai termini* tal-**artikolu 72(4) tal-Kap 37 tal-Liġijiet ta' Malta**;

c. Illi sfieq ma' dan, l-ebda imgħax fuq il-garanzija depożitata mhu dovut ġjaladarba dan l-ammont kien qiegħed biss jagħmel tajjeb għall-bastiment rilaxxjat in kontrokambju. Ir-rikorrenti kienu fil-liberta` assoluta li ma jħallsu l-ebda garanzija u ma jiddepożitaw l-ebda ammont – *volenti non fit injuria*;

d. Illi l-anqas m'huma dovuti danni minħabba kwalunkwe deprezzament tal-bastiment in kwistjoni, ġjaladarba bit-trapass taż-żmien, id-deprezzament tal-bastiment in kwistjoni kien se jseħħ xorta waħda. Il-qbid tal-bastiment ma jinfluwixxi bl-ebda mod fuq id-deprezzament tal-bastiment. Illi fi kwalunkwe każ, kwalunkwe allegazzjoni ta' din ix-xorta għandha tiġi pruvata skont il-liġi;

e. Illi l-esponent jiċħad kwalunkwe allegazzjoni ta' telf ta' qliegħ, u fi kwalunkwe każ din trid tiġi pruvata skont il-liġi;

f. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, anke jekk għall-grazzja tal-argument biss ir-rikorrenti sofrew xi danni, l-esponent dejjem mexa skont il-liġi, b'ħarsien tal-obbligu tiegħu li jissalvagwardja l-errarju pubbliku, u kien raġjonevoli u *in buona fede* fl-operat tiegħu mill-bidu sal-aħħar. Dan ifisser li l-esponent m'għandux ikun tenut responsabbli għal kwalunkwe allegazzjoni ta' danni f'ċirkostanzi fejn kien qiegħed jaqdi dmirijietu u aġixxa b'mod raġjonevoli u *in buona fede*;

g. Illi l-esponent kien qabad il-bastiment *Alexandra I* minħabba li kien qiegħed jintuża f'attivita` ta' ċaqliq klandestin ta' *gasoil* sdazjat, liema *gasoil* kien qiegħed jiġi trasferit ġo trakk tal-marka *Bedford* bin-numru CBG-731 fis-satra tal-lejl;

h. Illi l-azzjoni ta' ripreża tar-rikorrenti fl-ewwel istanza kienet miexja flimkien mal-kawża fl-ismijiet ***Charlet Abela vs Kontrollur tad-Dwana*** minħabba li dawn il-kawżi kienu jitrattaw qbid ta' oġġetti li kienu parteċipi fl-istess ġrajja (il-bastiment *Alexandra I* fuq naħa, u t-trakk CBG-731 fuq in-naħa l-oħra). L-ewwel Qorti kienet ikkonfermat il-qbid tal-oġġetti fiż-żewġ kawżi. Filwaqt li l-qbid tat-trakk kontestat fil-kawża ta' ***Charlet Abela*** huwa llum konfermat b'ġudikat, il-qbid tal-bastiment *Alexandra I* tar-rikorrenti kien rilaxxjat b'sentenza tal-Qorti tal-Appell tas-17 ta' Marzu, 2021;

i. Illi dwar il-bastiment *Alexandra I,* tajjeb jew ħażin il-Qorti tal-Appell straħet fuq <u>konstatazzjoni ta' fatt</u> magħmluha mill-Qorti tal-Appell Kriminalifis-sentenza fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Paul Piscopo*** li l-ebda dazju ma kien dovut, u kien minħabba f'hekk li l-Qorti tal-Appell ikkonkludiet li l-bastiment *Alexandra I* għandu jiġi rilaxxjat. Il-Qorti tal-Appell stqarret illi "*hi x'inhi l-fehma ta' din il-Qorti*" ma setgħetx tiddeċiedi mod ieħor f'ġieh iċ-ċertezza legali;

iii. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri, jekk ikun meħtieġ.

Għaldaqstant, l-esponent jitlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tiċħad it-talbiet tar-rikorrenti; bl-ispejjeż kontra taħghom.[3]

5. L-ewwel eċċezzjoni tad-Direttur ġiet irtirata waqt is-smigħ tal-31 ta' Mejju 2023 u dan minħabba bidla fil-liġi, kif spjegat fil-verbal. Din l-eċċezzjoni ġiet, bil-permess tal-qorti mogħti fl-istess smigħ, sostitwita b'dik li tressqet b'nota tat-13 ta' Ġunju 2023.[4] Din taqra hekk:

> Qabel xejn, sabiex l-azzjoni għad-danni odjerna tkun tista' timxi 'l quddiem, ir-rikorrenti huma meħtieġa juru li l-bastiment *Alexandra I* ma kienx qiegħed jintuża b'mod li jmur kontra r-restrizzjonijiet, ir-regolamenti, u d-disposizzjonijiet tal-Ordinanza tad-Dwana, kif imfisser fl-**Artikolu 68(3) tal-Kap. 37 tal-Liġijiet ta' Malta**.

## Il-fatti

6. B'kuntratt tas-27 ta' Awwissu 2009, is-sur Piscopo xtara bastiment, jismu *Alexandra 1*, mill-Eġittu. Dan kien inxtara għal €120,000 u jidher li kellu fuqu madwar 25,000 litru

---

[3] Il-*footnotes* fl-oriġinal mhumiex inklużi hawn.
[4] Paġna 17

*gasoil*[5] fil-mument tal-akkwist.[6] Meta daħal Malta, fil-21 ta' Settembru 2009, kien għad fadallu fuqu mal-17,000 jew 18,000 litru *gasoil*.[7]

7. Madwar il-ħamsa nieqsin kwart ta' filgħodu fl-14 ta' Ottubru 2009 xi fizzjali tad-Dwana waqqfu vann bin-numru CBG – 731.[8] Fuqu sabu kwantità kbira ta' *gasoil* f'sitt kontenituri kbar magħluqa fil-vann. Il-kontenituri kienu jesgħu madwar elf litru 'l wieħed u kienu mqabbdin ma xulxin b'sistema ta' pajpijiet, valvi u pompa tal-elettriku. Minn kif ġie deskritt il-vann mis-sur Carmel Attard (eks Spettur Anzjan mad-Dwana), jidher li dan ma kienx vann mibni biex iġorr iż-żejt (jew likwidu ieħor), imma li kien ġie modifikat għal dan l-użu.[9]

8. Sid il-vann, ċertu Charlet Abela, qal lill-uffiċjali li l-*gasoil* kien inħatt minn fuq il-bastiment *Alexandra 1*, li dak il-ħin kien marbut f'Delimara Quay. L-istess Charlet Abela għamel kuntatt mas-sid tal-bastiment, ir-rikorrent Paul Piscopo, li kkonferma li l-*gasoil* kien inħatt minn fuq l-*Alexandra 1*, li kien proprjetà tiegħu. Skont dak li qal is-sur Piscopo, il-*gasoil* kien maħsub biex jiġi trasferit għal fuq bastiment ieħor tiegħu – *Madonna di Pompei* – u dan sabiex, u preżumibbilment sakemm, isiru xi tiswisjiet fuq l-*Alexandra 1.* Is-sur Piscopo jgħid hekk:

> Ftit wara li daħħaltha Malta, tad-Dwana kienu sabuni qed inħott id-diesel li kellha ġot-tankijet tagħha biex nagħmillha xi tiswijiet u ħasbu li kont qed indaħħal id-diesel bil-kutrabandu. Fil-fatt kont qed nitfa' dan id-diesel ġo bastiment tas-sajd ieħor tiegħi bl-isem Madonna di Pompei li wkoll kien bastiment tas-sajd u allura intitolat ukoll għal diesel duty free.[10]

9. Ittieħdu kampjuni tal-*gasoil* minn tlett postijiet differenti: (i) mit-tankijiet tal-*Alexandra 1*; (ii) mill-kontenituri (ta' ċirka elf litru 'l wieħed) fil-vann; u (iii) mit-tank tal-vann li kien iforni d-*diesel* biex titħaddem il-makna tiegħu. Ir-rapport tal-espert imqabbad mid-Direttur juri li t-tliet kampjuni kienu *diesel* (jew *gasoil*) u li kellhom kompożizzjoni identika.[11] L-

---

[5] Fil-proċessi relattivi, il-*gasoil* hu ħafna drabi msemmi *diesel*. Jidher li ma hemmx differenza ta' sustanza bejniethom.

[6] Ara paġni 37 – 39 tal-proċess fil-kawża 1061/2009 *Paul Piscopo et v Kontrollur tad-Dwana*, deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-17 ta' Marzu 2021.

[7] *Ibid.*, paġna 54. B'danakollu, meta l-bastiment daħal Malta jidher li dan il-*gasoil* ma ġiex dikjarat. Ara xhieda ta' Emanuel Sammut, f'paġna 128 tal-kawża, 1061/2002, *Paul Piscopo et v Kontrollur tad-Dwana*.

[8] Skont ma xehed is-sur Piscopo l-vann twaqqaf meta kien fi triq f'Marsaxlokk: ara kontro-eżami paġna 117B.

[9] Ara ukoll para. 3.84 tas-sentenza fil-kawża 1061/2002*, Paul Piscopo et v Kontrollur tad-Dwana,* Qorti tal-Appell, deċ. 17 ta' Marzu 2021.

[10] Affidavit tas-sur Piscopo, paġna 38.

[11] Ara Dok CA6, paġni 107 – 112

analiżi wriet ukoll li l-kontenut ta' kubrit (*sulphur*) li kien fih il-*gasoil* kien ferm ogħla minn mill-kontenut li l-liġi tippermetti. Mill-analiżi li għamlet il-kumpannija *Saybolt* jidher li tnejn mill-kampjuni kellhom livell ta' kubrit mfisser bin-numru 0.74,[12] filwaqt li t-tielet kampjun kellu livell ta' kubrit imfisser bħala 0.21.[13] Minn dan is-sejbien id-Direttur wasal għall-konklużjoni li l-*gasoil* li kien fuq il-vann tas-sur Abela kien *gasoil* differenti minn dak li jiġi mdaħħal regolarment f'Malta, għaliex il-livell ta' kubrit li jista' jkollu *gasoil* li jiddaħħal Malta, u li jintuża fis-settur marittimu, hu ta' 0.1.[14]

10. L-operazzjoni li kienet laħqet saret sakemm saret l-ispezzjoni – jiġifieri l-ħatt ta' madwar sitt elef litru *gasoil* għal fuq il-vann tas-sur Abela – ma kienitx awtorizzata mid-Dwana. Lanqas kien awtorizzat iċ-ċaqliq tal-*gasoil* minn fuq l-*Alexandra 1* għal fuq il-*Madonna di Pompei*,[15] (jekk wieħed jassumi li kien veru, kif dehriha l-Qorti tal-Appell Kriminali, li l-*gasoil* kien ser jitgħabba fuq il-*Madonna di Pompei*).

11. Is-sur Attard spjega li, fost affarijiet oħra, l-operazzjoni li kienet interċettata mill-uffiċjali tad-Dwana tqieset li kienet tinvolvi ta' l-anqas iċ-ċaqliq mhux awtorizzat ta' *gasoil* li fuqu ma kienx tħallas dazju (jew *gasoil* sdazjat) u kif ukoll l-użu, potenzjalment, ta' parti minn dak il-*gasoil* bħala fuwil għall-vann innifsu; preżunzjoni li, ġranet wara, deħret, mill-analiżi forensika, li kienet korretta (għaliex anki l-*gasoil* għall-użu tal-vann stess kellu kontenut ta' kubrit iktar milli suppost). Jgħid:

> ... id-Dwana kienet konvinta li kienet sfrattat tentattiv sabiex jitnizzel l-art gasoil sdazjat a skapitu tal-erarju pubbliku u mingħajr l-awtorizzazzjoni mehtiega, u kien ghalhekk fid-dover tad-Dipartiment li jiehu l-passi mehtiega skont il-ligi.[16]

12. Fil-fatt id-Direttur qabad kemm il-bastiment w il-vann, u ttieħdu proċeduri kriminali kemm fil-konfront tas-sur Piscopo u kif ukoll fil-konfront tas-sur Abela.

---

[12] Dok CA2, paġna 101 u Dok CA3, paġna 103

[13] Dok CA4, paġna 105. Fil-kontro-eżami tiegħu, s-sur Attard ġie mistqosi jekk wieħed mill-kampjuni kellux livell ta' kubrit iktar baxx mill-oħrajn. Hu ikkonferma dan u qal li fil-fehma tiegħu dan il-kampjun probabbilment ittieħed mit-tank tal-vann li kien fih id-*diesel* għall-użu tal-vann stess. Spjega li, fil-fehma tiegħu, il-*gasoil* minn fuq il-bastiment tħallat mad-*diesel* li ġa kien fit-tank u billi dan id-*diesel* kien fih inqas kubrit (għaliex mixtri lokalment) allura b'riżultat tat-taħlita, il-livell ta' kubrit niżel. Din l-ispjegazzjoni hi kemxejn spekulattiva, iżda għandha xejra verosimili.

[14] Ara affidavit ta' Carmel Attard, paġna 97 u Dok CA5, paġna 106, fejn hemm referenza għar-regolament li dak iż-żmien kien jillimita l-livell ta' kubrit permissibli f'Malta.

[15] Skont is-sur Piscopo, ma deherlux li kellu bżonn jitlob ebda awtorizzazzjoni: ara kontro-eżami, paġna 117B.

[16] Affidavit ta' Carmel Attard, paġna 97

13. Fil-frattemp, is-sinjuri Piscopo ikkontestaw il-qbid tal-bastiment b'rikors tat-30 ta' Ottubru 2009. Ir-rikors relattiv kellu numru ta' referenza 1061/2009 u l-proċeduri kienu magħrufa bħala *Paul Piscopo et v Kontrollur tad-Dwana.* Charlet Abela, is-sid tal-vann, ukoll ikkontesta l-qbid tiegħu, b'rikors li kellu numru ta' referenza 1063/2009. Iż-żewġ rikorsi nstemgħu flimkien.

14. Fit-2 ta' April 2015 l-atturi ngħataw lura l-bastiment kontra garanzija fis-somma ta' €35,000. Dan sar wara li l-istess atturi kienu talbu l-bastiment lura permezz ta' ittra ta' dakinhar stess.[17] Is-sinjuri Piscopo dawwru l-bastiment fuq binhom, u binhom biegħha lil terzi f'Settembru tal-istess sena.[18]

15. B'sentenzi tal-1 ta' Diċembru 2015, din il-qorti, presjeduta minn imħallef ieħor, ċaħdet kemm it-talbiet tas-sinjuri Piscopo u kif ukoll dawk tas-sur Abela. Is-sur Abela ma appellax mis-sentenza mogħtija kontrih, iżda s-sinjuri Piscopo appellaw.

16. Is-sentenza finali fil-kawża kriminali kontra Paul Piscopo ngħatat fit-3 ta' Lulju 2020.[19] Kopja ta' din is-sentenza tressqet quddiem il-Qorti tal-Appell, li kellha quddiemha l-appell tas-sur Piscopo dwar il-qbid tal-bastiment. Kif ser naraw, is-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali kellha effett fuq id-deċiżjoni finali tal-Qorti tal-Appell fis-sens li din ta' l-aħħar qieset li kellha timxi fuq kostatazzjonijiet li għamlet il-Qorti tal-Appelli Kriminali.

17. L-appell tas-sinjuri Piscopo kontra l-qbid tal-bastiment ġie deċiż mill-Qorti tal-Appell b'sentenza tas-17 ta' Marzu 2021. Dik il-qorti ċaħdet l-ewwel żewġ aggravji li fuqhom straħu s-sinjuri Piscopo, imma laqgħet l-appell għat-tielet raġuni mogħtija minnhom.

18. L-ewwel ilment li s-sinjuri Piscopo ressqu kontra s-sentenza tal-qorti ta' l-ewwel grad kien li kellhom provi li, fil-fatt, il-likwidu kien *sludge* (taħlita ta' ħmieġ u ilma) u mhux *gasoil*, u li l-ewwel qorti ma kienitx tathom l-opportunità li jressqu dawn il-provi. Il-Qorti tal-Appell ċaħdet dan l-ilment, essenzjalment għaliex it-talba tas-sinjuri Piscopo biex jitressqu l-provi saret tard.

---

[17] Ara Dok CA13 u CA14, paġni 114 u 115
[18] Ara affidavit ta' Paul Piscopo, paġna 38
[19] Appell 374/2011 *Il-Pulizija v Paul Piscopo,* Qorti tal-Appelli Kriminali

19. It-tieni lment kien li kien jonqos l-element tal-għarfien, jew l-intenzjoni jew, fi kliem il-liġi, ix-xjenza,[20] minn naħa tagħhom biex jinstabu ħatja ta' reat. Il-qorti ċaħdet dan l-ilment u tat dawn ir-raġunijiet għaliex, fil-fehma tagħha, kien hemm l-għarfien mitlub mill-art. 68 tal-Kap. 37:

> 38.1 Għalkemm l-appellant xehed li kien taħt l-impressjoni li d-diesel fuq Alexandra I kien regolari in kontro-eżami ddikjara li 'meta waslet id-dgħajsa, ma ħallast ebda taxxa jew dazju fuq il-gas oil għaliex id-dgħajsa hija sea-going vessel u <u>allura ma tħallasx dazju għax ma tkunx ser tiġi mniżżla l-art'</u>. Għalhekk evidenti li l-appellant kien jaf li meta jitniżżel fuel l-art f'Malta, ikun soġġett għall-ħlas ta' dazju;
>
> 38.2 Għalkemm l-appellant sostna li d-diesel inħatt sabiex isiru tiswijiet fuq il-lanċja Alexandra I, fatt li m'hemmx provi ċari dwarha, ma spjegax għalfejn dam 23 jum biex sar dak. Dan apparti li rriżulta li l-*fuel* inħatt sabiex jintuża fuq bastiment ieħor tal-appellant;
>
> 38.3 Għalkemm l-appellant jikkontendi li l-ġarr tad-diesel sar fil-ħinijiet bikrija ta' filgħodu sabiex jitwassal fuq lanċja oħra tal-appellant stess li riedet titlaq kmieni għax-xogħol, dak il-fatt ma jsaħħaħx it-teżi tal-appellat;
>
> 38.4 Jispikka l-mezz tal-ġarr tal-imsemmi diesel. Kuntrarjament għal dak li xehed Charlet Abela, ir-ritratti eżibiti juru li t-trakk tiegħu (*box van* magħluq) kien ben attrezzat għal dan il-għan b'tankijiet tal-plastic li kienu mqabbdin ma' xulxin bil-pajpijiet ma' pompa biex timla' u tbattal il-fuel. Huwa evidenti li din ma kinitx xi struttura temporanja ta' darba sabiex issir manutenzjoni ta' malajr;
>
> 38.5 Il-lanċja in kwistjoni kellha ammont ta' diesel ferm aktar minn dak li kellha bżonn sabiex tasal mill-Eġittu għal Malta.

20. Il-qorti qalet ukoll, dwar sottomissjonijiet tas-sinjuri Piscopo, li kienet konvinta li minn fuq il-bastiment ġie żbarkat fuwil, u ċioé f'dan il-każ *gasoil* jew *diesel.* Sabet ukoll, bħala fatt, li ma tħallasx dazju fuq il-fuwil żbarkat.

21. It-tielet lment, jew aggravju, tas-sinjuri Piscopo kien li ma kienx ġie kommess ir-reat li, skont l-art. 68 tal-Kap. 37, irid ikun seħħ biex id-Direttur seta' jikkonfiska l-bastiment. Is-sinjuri Piscopo straħu fuq is-sejbien tal-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza fil-kawża 374/2011 fl-ismijet *Il-Pulizija v Paul Piscopo*, deċiża fit-3 ta' Lulju 2020. Il-Qorti tal-Appell Kriminali kienet sabet li (i) ma kienx hemm prova li s-sur Piscopo kellu l-intenzjoni li jittrasferixxi l-fuwil li kien fuq l-*Alexandra 1* lil terzi u li, fuq bażi ta' probabilità, l-istess sur Piscopo kien irnexxielu jipprova li dan il-fuwil (li kien fuq il-bastiment meta salpa mill-Eġittu) kien ser jitbattal minn fuq l-*Alexandra 1* għal fuq il-*Madonna di Pompei* billi kellhom bżonn isiru xi tiswijiet fuq l-*Alexandra 1*; u (ii) li skont il-liġi, il-fuwil in kwistjoni

[20] Art. 68(1) tal-Kap. 37. Biex wieħed ikun preċiż, il-liġi titkellem dwar użu magħmul 'xjentement'.

kien igawdi minn eżenzjoni mid-dazju;[21] u (iii) li, fuq kollox, 'l-oggett dazjabbli' fil-maġġor parti kien jikkonsisti fi *sludge* u mhux *gasoil*; u *sludge* 'certament ma hux dazjabbli'.

22. Il-Qorti tal-Appell sabet li l-fuwil li tniżżel minn fuq l-*Alexandra I*: (i) ma ġiex iddikjarat; (ii) ma tħallasx dazju fuqu; u (iii) dwaru ma ntalabx l-awtorizzazzjoni jew ċertifikazzjoni meħtieġa sabiex jinħatt u jinġarr permezz tal-vettura CBG - 731.[22] Iżda sabet li 'dak m'huwiex biżżejjed' għaliex, sa dakinhar li ġie deċiż l-appell dwar il-qbid, il-Qorti tal-Appell Kriminali kienet, kif rajna, illiberat lis-sur Piscopo mill-akkużi għar-raġunijiet mogħtija hawn fuq fil-qosor. Il-Qorti tal-Appell kompliet hekk:

> 49. Meta l-Qorti tqis li l-Qorti tal-Appell Kriminali ħadet dik il-pożizzjoni, għall-finijiet ta' ċertezza legali m'għandux ikun li f'dan l-istadju din il-Qorti tagħti deċiżjoni li tista' ġġib fix-xejn jew tpoġġi fid-dubju d-deċiżjoni li ħadet dik il-Qorti u li kkonfermat is-sentenza li biha l-appellant ġie liberat minn kull akkuża. Veru li l-proċeduri kriminali huma indipendenti minn dawk ċivili. Madankollu jibqa' l-fatt li diġa` hemm sentenza li hi ġudikat, li tikkonferma li f'dan il-każ l-appellant kellu jedd għall-eżenzjoni tad-dazju. Għalhekk il-konklużjoni, bażat fuq dak li ddeċidiet il-Qorti tal-Appell Kriminali, tista' tkun biss li dazju ma kienx dovut u għaldaqstant l-oġġett (fuel) ma kienx soġġett għall-konfiska. B'hekk m'hemmx il-ħtiġijiet kontemplati fl-Art. 68 tal-Kap. 37, u li huma essenzjali sabiex il-lanċja tkun konfiskata.
>
> 50. Hi x'inhi l-fehma ta' din il-Qorti, illum hemm sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali li ċaħdet l-appell tal-prosekuzzjoni u tikkonferma li f'dak li għamel l-appellant m'huwiex ħati ta' reati taħt l-Ordinanza tad-Dwana (Kap. 37) u l-liġijiet fiskali għaliex igawdi minn eżenzjoni peress li l-fuel kien ser jużah fuq lanċja oħra tiegħu. Il-konfiska tal-lanċja mid-Dwana hi fiha nnifisha miżura permanenti li tiddepriva lill-appellant mill-proprjeta` tal-lanċja ġialadarba bil-konfiska l-proprjeta` tal-lanċja tiġi trasferita lill-Gvern. Fiċ-ċirkostanzi, jekk din il-Qorti kellha tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata, il-konfiska tad-dgħajsa kienet bla dubju tkun miżura eċċessiva li twassal għall-ksur tal-Artikolu 1 tal-ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tal-Bniedem meta tikkonsidra li l-appellant ġie liberat minn kull akkuża li wettaq reat taħt l-Ordinanza tad-Dwana u liġijiet fiskali (Att dwar it-Taxxa Fuq il-Valur Mizjud u Att dwar id-Dazju tas-Sisa). Il-Qorti hi tal-fehma li wasal ukoll iż-żmien li l-leġislatur jikkonsidra li jemenda l-liġi sabiex f'kazijiet ta' din ix-xorta l-kwistjoni dwar il-konfiska tal-oġġetti tiġi deciża b'mod defenittiv fil-proċeduri kriminali u ma jkunx hemm bżonn iktar proċeduri ċivili separati sabiex persuna terġa' tieħu l-pussess ta' ħwejjiġha. Dan iktar u iktar meta tikkonsidra l-prinċipju tan-*ne bis in idem* (Art. 4 tal-Protokoll 7 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u Art. 50 ta' *Charter of Fundamental Rights of the European Union*).

23. Kien għalhekk li l-Qorti tal-Appell laqgħet l-appell tas-sur Piscopo.

24. Id-Direttur talab li l-każ jerġa jinstema', iżda t-talba ġiet miċħuda fil-15 ta' Frar 2022.

---

[21] Għar-referenzi, ara paġna 7 tas-sentenza.

[22] Sentenza, para. 45

25. Permezz ta' ittra uffiċjali li tidher li tressqet fl-24 ta' Marzu 2021,[23] is-sinjuri Piscopo talbu lid-Direttur (i) jirrilaxxa l-garanzija li kienet ingħatat minflok il-bastiment; u (ii) jersaq għall-likwidazzjoni u l-ħlas tad-danni li sostnew li sofrew kemm minħabba telf ta' qligħ u kif ukoll telf ta' imgħaxijiet fuq il-garanzija. Il-garanzija ngħatat lura.

**Il-bażi fid-dritt tal-kawża**

26. Is-sinjuri Piscopo ma identifikawx id-dispożizzjoni jew dispożizzjonijet tal-liġi li fuqha jew fuqhom bnew din il-kawża.

27. Ma' l-ewwel daqqa t'għajn, ir-rikors ġuramentat għandu minn azzjoni tipika għad-danni skont id-dispożizzjonijiet li jirregolaw id-delitti u l-kważi delitti. Iżda, qari iżjed mill-qrib juri li r-raġuni tat-talbiet tas-sinjuri Piscopo hi l-azzjoni amministrattiva li wasslet għat-teħid tal-bastiment tagħhom, liema azzjoni tqieset mill-Qorti tal-Appell li kienet illegali. Ukoll, fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħhom, li fiha fissru l-każ tagħhom, mkien ma sostnew li d-Direttur hu responsabbli għaliex il-ħsara (li jallegaw) kienet konsegwenza ta' ħtija tiegħu, skont kif il-ħtija hi mfissra fl-art. 1032(1) tal-Kap. 16. Minflok, fin-nota tal-osservazzjonijiet tagħhom, Piscopo sostnew li

> 'l-prinċipju huwa illi kull deċiżjoni ta' awtorita' pubblika trid tittieħed skont il-prinċipju tar-raġjonevolezza';

u għamlu l-każ tagħhom fuq din il-bażi.

28. Minn dan, il-qorti tifhem li din hi azzjoni għad-danni skont l-art. 469A(5) tal-Kap. 12, mibnija fuq is-sejbien, għall-finijiet tal-art. 469A(1) tal-Kap. 12, ta' egħmil amministrattiv bi ksur tal-liġi fis-sentenza 1061/2009/2 *Paul Piscopo et v Kontrollur tad-Dwana* tal-Qorti tal-Appell tas-17 ta' Marzu 2021. Hemm ġurisprudenza li tgħid li

> 'l-indoli tal-azzjoni tiġi deżunta mhux tant mill-kliem piu o meno eżatti ta' l-att istituttiv tal-ġudizzju, imma mill-iskop li għaliha huwa intiż il-ġudizzju'[24]

29. Il-qorti qegħda, kif ġeneralment hi mistennija li tagħmel, timxi fuqha.[25] Il-mod kif qegħda timxi l-qorti m'għandux joħloq wisq kontroversja għaliex hu pjuttost evidenti, kemm mir-

---

[23] Dok PP@, paġna 75

[24] Vol. XXXIV.III.766; ara ukoll, fost oħrajn, 791/2007/1 *Valhmor Borg (Import/Export) Limited v Slais Company Limited*, Qorti tal-Appell, deċ. 21 ta' Mejju 2024.

[25] Kemm hu sewwa li l-konvenut hu mistenni li jifhem il-każ kontrih mhux mill-kitba imma minn dak li suppost kellu f'moħħu l-attur meta ressaq il-kawża, hi kwistjoni oħra. Kwistjoni oħra ukoll hu l-abbuż li dan jippermetti,

rikors promutur u iktar u iktar min-nota ta' osservazzjonijiet, li s-sinjuri Piscopo kellhom f'moħħhom azzjoni għad-danni riżultanti mill-aġir amministrattiv, misjub illegali mill-Qorti tal-Appell. Jingħad li kif qegħda timxi l-qorti m'għandux joħloq wisq kontroversja u mhux l-ebda kontroversja għaliex il-ġurisprudenza dwar l-azzjoni għad-danni li titwieled minn ksur ta' liġi mill-amministrazzjoni fil-qadi tad-dmirijiet amministrattivi tagħha, mhix konformi. Hemm sentenzi li jgħidu li din l-azzjoni tista' ssir biss skont l-art. 469A(5);[26] u hemm oħrajn li jgħidu li l-azzjoni tista' ssir ukoll skont id-dispozizzjonijiet ġenerali dwar id-delitti u l-kważi delitti.[27] Iżda s-sentenzi awtorevoli, dawk tal-Qorti tal-Appell, jxaqilbu lejn it-teżi li talba għad-danni konsengwenzjali għal egħmil amministrattiv *ultra vires*[28] tista' ssir biss skont l-art. 469A, bħala liġi speċjali.[29] Il-qorti sejra timxi fuq dawn is-sentenzi. Ukoll mhix sejra tqis il-kwistjoni jekk it-talba tas-sinjuri Piscopo kellhomx iressqu t-talba għad-danni fl-istess kawża li ressqu biex iwaqqgħu l-konfiska tal-bastiment. Dan għaliex għalkemm l-art. 469A(5) hekk donnu jrid, id-Direttur ma ressaqx difiża f'dan is-sens, u l-qorti ma jidhrilhiex li din hi kwistjoni ta' ordni pubbliku.

**It-teżi ta' irraġonevolezza skont is-sinjuri Piscopo**

30. Is-sinjuri Piscopo jgħidu, fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħhom, li d-Direttur kien irraġjonevoli fil-qbid tal-bastiment għal dawn ir-raġunijiet: (i) qatt ma kellu joħroġ in-nota ta' qbid in kwistjoni; (ii) l-uffiċjali tad-Dwana mexxew l-investigazzjoni u l-proċeduri

---

għaliex l-attur faċilment jista' jibdel 'l-iskop tal-ġudizzju' fid-dawl tad-difiża, jekk l-att promutur ikun vag biżżejjed - kif ħafna drabi hu. Eżempju ta' dan insibuh fil-kawża 109/2016/1 *Fairbet Ltd et v Malta Gaming Authority*, deċ. 4 ta' Mejju 2022. It-talba kienet għad-danni. Ir-rikors ġuramentat kien miktub lakonikament, kif is-soltu jsir. L-awtorità eċċepiet id-dekadenza skont l-art. 469A(3) tal-Kap. 12. F'tentattiv biex tegħleb din l-eċċezzjoni, l-attriċi ttentat li tfisser il-każ tagħha bħala wieħed għal danni akwiljani. Il-qrati, kemm ta' l-ewwel u kif ukoll tat-tieni, grad, sabu li l-kawża kienet għal stħarriġ ġudizzjarju ta' egħmil amministrattiv. Il-punt jibqa', b'danakollu, li l-attur seta', billi ma kienx imġiegħel jartikola l-bażi tal-kawża mill-bidu, jittenta jċaqlaq il-lasti. Li ma rnexxilux mhux wisq relevanti. Dan nistgħu narawh fil-każ 369/2009/1 *Alfred Spiteri et v Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta et*, Qorti tal-Appell, deċ 30 ta' Mejju 2014. F'din il-kawża l-ewwel qorti qieset il-kawża – għal darb'oħra mfissra bl-iktar mod vag – bħala waħda għad-danni regolata skont l-art. 469A tal-Kap. 12, mentri l-Qorti tal-Appell qiesitha bħala kawża għad-danni riżultanti minn ksur ta' liġi oħra, u allura mhux regolatat bl-art. 469A tal-Kap. 12. Hu assurd li, anki fil-Qorti tal-Appell, u fil-fatt sas-sentenza, il-konvenut ma kienx jafx x'kawża qed issir kontrih.

26 Ara, fost oħrajn, 682/2012 *Josef Borg v L-Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta*, Prim'Awla, deċ. 11 ta' Lulju 2013; u 939/2015 *Casapinta Design Group Limited v Direttur Ġenerali tal-Kuntratti et*, Prim' Awla, deċ. 26 ta' Frar 2018

27 Ara 1001/2009 *Karmenu Mifsud v Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta*, Prim'Awla, deċ. 30 ta' Marzu 2012; u 41/2015 *Franco Azzopardi et v Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar et*, Qorti tal-Maġisrtrati (Għawdex), deċ 1 ta' Marzu 2016

28 Fis-sens speċjali, u xi ftit żgwidanti, li fiha tintuża din il-frażi fl-art. 469A tal-Kap. 12.

29 1001/2009/1 *Karmenu Mifsud v Awtorità għat-Trasport f'Malta*, Qorti tal-Appell, deċ 31 ta' Mejju 2013; u 109/2016/1 *Fairbet Ltd et v Malta Gaming Authority*, deċ. 4 ta' Mejju 2022

kriminali kontra s-sur Piscopo b'mod xejn professjonali u għal kollox kontra l-liġi tal-proċedura billi naqsu li jaraw li ssir inkjesta taħt l-awtorità tal-Qorti sabiex jiġu ppreservati l-provi; (iii) ma kellux iżomm lis-sur Piscopo milli jkompli jmantni l-bastiment; u (iv) ma missux dam is-snin biex jawtorizza lis-sur Piscopo jieħu lura l-bastiment kontra d-depożitu ta' garanzija.

31. Is-sinjuri Piscopo jiċċitaw bran twil mis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali u, in effett, jagħmlu dawn l-argumenti biex isostnu l-erba' punti msemmija hawn fuq:

> Illi in effetti dik il-Qorti rraġunat illi ladarba l-lanċa kienet għadha kif xtrat b' ammont ta' diesel fiha u ladarba ġie ppruvat li l-esponent kellu lanċa oħra ntitolata għall-ammont ta' diesel bla dazju il-verżjoni li ta l-esponent u ċioè li l-esponent kien qiegħed jittrasporta diesel minn lanċa għal oħra kienet verosimili u f'dan il-każ ma kien hemm l-ebda dazju dovut. Dik il-Qorti tat ukoll importanza għall-fatt illi l-allegat diesel kien iktar ilma milli diesel. Konsegwentement wara dawn iż-żewġ konsiderazzjonijiet ħasset li ma kellhiex għażla ħlief li tillibera lill-esponent minn kull akkuża.
>
> Illi l-esponenti ma jistax ma jikkummentax li dan l-eżerċizzju seta' faċilment jagħmlu l-intimat, jew seta' sar fl-atti ta' inkjesta li kieku saret inkjesta. Minflok ma l-intimat ħela snin jimpika mal-esponent biex dan ma jieħux lura l-lanċa u ma jħallihx jagħmel xogħol ta' maintenance kif suppost, setgha informa l-Maġistrat ta' l-għassa u l-Pulizija biex tinfetah inkjesta u kien b'hekk jiddepożita l-ammont ta' diesel kollu taħt l-awtorità tal-Qorti. B'hekk kienet issir analiżi sewwa u kif imiss fl-atti ta' tali inkjesta tad-diesel kollu illi l-intimat għażel minflok li jżomm taħt il-kustodja tiegħu għal snin sħaħ. Li kieku għamel hekk kien mill-ewwel jirriżultalu illi dak li hu kien qed jallega li kien diesel li ddaħħal Malta bil-kuntrabandu fil-fatt ma kien xejn għajr fil-maġġor parti tiegħu ilma maħmuġ. Kieku l-intimat mexxa b'dan il-mod u ċioe b'mod aktar serju milli fil-fatt mexxa mill-ewwel kien jirriżultalu illi dak li kien qiegħed jallega fil-konfront tal-esponent ma seta' qatt ireġi. Minħabba f'hekk l-intimat ma jistax jeħles lilu nnifsu mir-responsabbilta' ċivili li jagħmel tajjeb għad-danni li ġarrab l-esponent.[30]

32. Ħlief għall-estratt mis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali u għar-referenzi għall-ġurisprudenza li mhux qed tiġi riprodotta hawn,[31] dan hu l-argument sostantiv sħiħ tas-sinjuri Piscopo biex jagħmlu l-każ li d-Direttur kien mexa b'mod irraġonevoli meta ħareġ in-nota ta' qbid.

### Id-difiża tad-Direttur dwar l-allegata irraġonevolezza

33. Dwar l-argument li l-bastiment qatt ma missu nqabad, id-Direttur jgħid li l-liġi doganali tagħtih is-setgħa li fejn jidhirlu li hemm ksur tal-Ordinanza tad-Dwana u liġijiet relattivi, huwa jikkonfiska l-mezz ta' ġarr ta' l-oġġett konfiskabbli. Jgħid li m'għamel xejn li ma

---

[30] Nota ta' l-osservazzjonijiet tas-sinjuri Piscopo, paġni 128 - 129

[31] Dan għaliex, in suċċint, dik il-ġurisprudenza twassal għall-konklużjoni li dak li jrid jitqies hu jekk l-aġir kienx raġonevoli jew le; u l-partijiet jaqblu li dan hu l-prinċipju li japplika għall-każ.

kinitx tippermettilu l-liġi u bl-ebda mod ma mar lill hinn minn dak permissibbli. Għalhekk wieħed għandu rimedju li jikkontesta l-qbid, sabiex il-qorti tgħarbel jekk fiċ-ċirkostanzi hemmx raġunijiet tajba biżżejjed sabiex l-oġġett maqbud ikun ritornat lura. Fil-fehma tiegħu, dan ma jfissirx li kull meta awtorità ma tingħatax raġun, ifisser li kienet irraġjonevoli f'għemilha.[32]

34. Dwar l-argument li l-investigazzjoni u l-proċeduri kriminali tmexxew b'mod xejn professjonali u għal kollox kontra l-liġi tal-proċedura billi naqsu li jaraw li ssir inkjesta taħt l-awtorità tal-qorti, id-Direttur jgħid li dan l-argument m'għandu x'jaqsam xejn mad-deċiżjoni amministrattiva li jinqabad il-bastiment *Alexandra 1*. Jgħid ukoll li t-talbiet attriċi huma ċirkonskritti għall-egħmil tad-Direttur li joħroġ in-nota ta' qbid, u mhumiex indirizzati lejn investigazzjonijiet u/jew proċedimenti relatati mal-proċeduri penali. Ukoll, jgħid li s-sinjuri Piscopo ma jgħidux sewwa li hu kellu xi obbligu li jitlob inkjesta maġisterjali. Dak li qalet il-Qorti tal-Appell Kriminali dwar il-fatt li ma saritx inkjesta maġisterjali intqal sempliċiment bħala stat ta' fatt u li għalhekk kellha tistrieħ fuq provi oħra, u mkien ma ġie ċensurat l-aġir tad-Direttur minħabba f'hekk. Għalhekk dak li qed jgħidu s-sinjuri Piscopo bl-ebda mod m'għandu jimmilita lejn xi aġir irraġjonevoli. Apparti minn hekk, m'huwiex minnu li d-Direttur mexxa l-investigazzjoni b'mod mhux professjonali.

35. Jekk induru għall-kwistjoni dwar iż-żamma tal-bastiment, id-Direttur jgħid li dan il-punt ukoll m'għandu x'jaqsam xejn mad-deċiżjoni tal-esponent li jaqbad il-bastiment *Alexandra 1*. Fl-aħjar ipotesi għas-sinjuri Piscopo, dan il-punt jista' jservi biss għal argumentazzjoni dwar id-deterjorazzjoni jew le tal-bastiment f'kuntest ta' danni. Però mill-perspettiva ta' raġjonevolezza dwar id-deċiżjoni li jinqabad il-bastiment *Alexandra 1*, l-argument tal-atturi huwa barra minn postu.

36. Fl-aħħar, id-Direttur jqis l-argument dwar meta messu jew ma messux ingħata lura l-bastiment kontra għal garanzija. Hawn ukoll, il-fehma tad-Direttur hi li dan huwa purament argument f'kuntest ta' danni. Jżid li hu kien konvint mid-deċiżjoni tiegħu li u sussegwentement kellu wkoll f'idu sentenza ta' din il-qorti (presjeduta minn imħallef

[32] Dan hu sunt biss ta' dak li ngħad f'para. 84 tan-nota tad-Direttur. In effett, hu kien qiegħed jiġbor fi ftit kliem ħafna minn dak li kien ġa ttratta fil-paragrafi ta' qabel (anki dwar l-eċċezzjonijiet l-oħra tiegħu), trattazzjoni li l-qorti qiesitha, anki jekk mhix qegħda tirriproduċiha hawn.

ieħor) tal-1 ta' Diċembru, 2015 li kienet qed tagħtih raġun. Fi kwalunkwe każ, skont il-liġi, (i) id-Direttur ma kellu l-ebda obbligu li jrodd lura oġġett maqbud kontra garanzija; u hawn jistrieħ fuq l-art. 72(4) tal-Kap. 37; u (ii) l-obbligu tiegħu li jqis il-kwistjoni qamet biss meta s-sur Piscopo talab li l-bastiment jintradd lura, fl-2015.

**Konsiderazzjonijiet tal-qorti dwar l-allegata irraġonevolezza**

37. Il-qorti tqis li d-Direttur għandu raġun meta jgħid li punti (ii), (iii) u (iv) imsemmija f'para 30 m'għandhomx x'jaqsmu mal-kwistjoni tal-allegata irraġonevolezza tad-deċiżjoni li hu ħa meta qabad il-bastiment. L-argumenti huma magħmula sew minnu, u l-qorti qajla għandha x'iżżid magħhom.

38. Induru għall-ewwel punt tas-sinjuri Piscopo.

39. Għalkemm ma jartikolawhx b'dan il-mod, l-effett ta' dak li jgħidu hu li għaliex il-Qorti tal-Appell Kriminali lliberat lis-sur Piscopo, u għaliex il-Qorti tal-Appell ħassret il-qbid billi straħet fuq il-kostatazzjonijiet tal-Qorti tal-Appell Kriminali (b'mod partikolari li l-*gasoil* kien eżenti), jsegwi li l-aġir tad-Direttur kien irraġonevoli.

40. Mressaq hekk, l-argument hu ħażin. Il-kwistjoni mhix jekk id-Direttur kienx żbaljat legalment mill-perspettiva ċivili meta qabad il-bastiment – għaliex dan, tajjeb jew ħażin, issa hu stabbilit – imma jekk dak l-iżball kienx jikkostitwixxi aġir irraġonevoli. Kif intqal:

> ... filwaqt li mhux kull eżerċizzju raġjonevoli ta' ġudizzju huwa bilfors korrett, lanqas m'huwa bilfors irraġġjonevoli kull eżeċizzju ta' ġudizzju żbaljat. F'każ bħal dan, ix-xiber li l-Qorti jidher li għandha tuża biex tkejjel bih ikun dak li tqis jekk id-deċiżjoni li minnha jkun hemm ilment kinitx mistennija li tittieħed minn persuni raġjonevoli. (...) Dan ifisser li l-kejl tar-raġjonevolezza jkun wieħed oġġettiv marbut maċ-ċirkostanzi fattwali li fihom dik l-istess diskrezzjoni titwettaq.[33]

41. Il-qorti għalhekk trid tmur lura għall-14 ta' Ottubru 2019 u tqis dak li għamel id-Direttur fil-kuntest ta' dak li kien irriżultalu dakinhar. Filwaqt li ma tistax tiskarta dak li seħħ wara – mhux l-inqas is-sentenzi tal-Qorti tal-Appell Kriminali u tal-Qorti tal-Appell – għandha

[33] 261/2011, *Vincianne Mifsud vs Direttur tal-Edukazzjoni*, Prim'Awla, deċ 28 ta' Frar 2019; ara ukoll 810/2004 *Mizzi Antiques Limited vs Ic-chairman tal-Malta Enterprise ġja l-Malta Development Corporation*, Qorti tal-Appell, deċ. 31 ta' Jannar 2019.

toqgħod attenta li ma taqax vittma ta' dak li jissejjaħ *hindsight bias*[34] għaliex, kif jgħid il-qawl, wara l-fatt, kulħadd bravu.

42. X'ġara fl-14 ta' Ottubru 2019 ġa ġie mfisser, ftit jew wisq fil-qosor, iktar 'l fuq. Id-differenza dwar il-fatti bejn il-partijiet jista' jingħad li hi biss dwar x'kien ser isir mill-*gasoil* li kien instab fuq il-vann tas-sur Abela. Is-sinjuri Piscopo jgħidu - u għandhom favorihom is-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali - li dak il-*gasoil* kien maħsub li jitbattal fil-*Madonna di Pompei*, filwaqt li d-Direttur jidher li għadu tal-fehma li ċ-ċirkostanzi jixhdu li dan ma kienx minnu, jew li kienu tali li dak dikjarat mis-sinjuri Piscopo hu ta' l-anqas dubjuż ferm.[35] Hemm differenza oħra, waħda li forsi tista' titqies bħala kwistjoni ta' fatt u ta' dritt, u ċioé jekk il-bastiment kienx awtomatikament eżenti mill-ħlas ta' dazju fuq il-*gasoil* użat minnu, billi l-bastiment jidher li kien maħsub għas-sajd. Is-sur Piscopo jgħid li l-eżenzjoni kienet tapplika awtomatikament, mentri d-Direttur jkompli jsostni - minkejja s-sejbien tal-Qorti tal-Appell Kriminali - li dan ma kienx il-każ.[36] Id-Direttur jgħid ukoll li l-*gasoil* in kwistjoni lanqas biss seta' jiddaħħal f'Malta.[37] Għall-bqija, dan kien il-kwadru fattwali dakinhar tal-qbid:

a. Il-bastiment iddaħħal f'Malta fil-21 ta' Settembru 2009 b'madwar 17,000 jew 18,000 litru *gasoil* fuqu;[38]

b. Id-dikjarazzjoni doganali li saret meta l-bastiment daħal Malta kienet tgħid li l-bastiment ma kellu l-ebda *gasoil* fuqu;[39]

---

[34] Ara Daniel Kahneman, *Thinking, Fast and Low* (2013)

[35] Anki l-Qorti tal-Appell esprimiet xi riżervi dwar din l-istorja: ara para. 38.2 tas-sentenza 1061/2009/2 *Paul Piscopo et v Kontrollur tad-Dwana,* Qorti tal-Appell, deċ. 17 ta' Marzu 2021

[36] Ara para. 38 tan-nota ta' osservazzjonijiet tad-Direttur; ara ukoll para. 40. Il-Qorti tal-Appell, fis-sentenza, 1061/2009/2 *Paul Piscopo et v Kontrollur tad-Dwana*, Qorti tal-Appell, deċ. 17 ta' Marzu 2021, qalet biss li hi x'inhi l-fehma tagħha, '... illum hemm sentenza ... [li] tikkonferma ...[li s-sur Piscopo kien] igawdi minn eżenzjoni peress li l-fuel kien ser jużah fuq lanċja oħra tiegħu'. Dan li forsi ma qiesitx dik il-qorti hu li anki jekk kienet teżisti dik l-eżenzjoni, din kienet tapplika sakemm il-*gasoil* baqa' fuq, u intuża minn, l-*Alexandra 1* u li kif ġie żbarkat mingħajr awtorizzazzjoni u, iktar u iktar, mingħajr il-ħlas tad-dazju, kien seħħ ir-reat f'dak il-mument.

[37] Ara para. 39 tan-nota ta' osservazzjonijiet tad-Direttur.

[38] Ara para 6 iktar 'l fuq. Il-Qorti tal-Appell kienet osservat li dan l-ammont kien wieħed sostanzjali.

[39] Ara *footnote* 7 iktar 'l fuq.

c. Matul il-lejl ta' bejn it-13 u l-14 ta' Ottubru 2009 madwar 6,000 litru ta' *gasoil* nħattu minn fuq l-*Alexandra 1* għal fuq vann tas-sur Abela fuq struzzjonijiet tas-sur Piscopo;[40]

d. Il-vann ġie interċettat jinstaq minn ċertu Charlet Abela madwar il-ħamsa nieqsin kwart ta' filgħodu minn fizzjali tad-Dwana. Fih instab, f'kontenituri kbar u mqabbdin ma' xulxin, il-*gasoil* in kwistjoni.

43. Id-Dwana waslet għall-konklużjoni li " ... kienet sfrattat tentattiv sabiex jitniżżel l-art gasoil sdazjat a skapitu tal-erarju pubbliku u mingħajr l-awtorizzazzjoni meħtieġa ..."[41]

44. Ma jistax jingħad li, fuq il-bażi ta' dak li kellu quddiemu, d-Direttur dakinhar, din kienet konklużjoni irraġonevoli. Kellu dikjarazzjoni falza. Sab kwantità kbira ta' *gasoil* qiegħed jinġarr, mingħajr awtorizzazzjoni, qabel tluqgħ ix-xemx, fuq vann mibdul biex jittrasporta ż-żejt, sejjer x'imkien li, għad-Dwana, ma kienx magħruf; u ġiet rakkontata storja lilu (dwar il-*Madonna di Pompei*) li għalih kienet inverosimili, jekk mhux inveritiera.[42] Jista' forsi anki jingħad li l-konklużjoni li wasal għaliha, fuq il-provi quddiemu dakinhar, kienet l-iktar waħda raġonevoli u l-alternattiva suġġerita mis-sur Piscopo kienet inverosimili.

45. Dan ifisser li d-Direttur ma jistax jitqies responsabbli għal kwalunkwe danni li setgħu ġarrbu s-sinjuri Piscopo. Il-qorti żżid li kienet tasal għall-istess konklużjoni anki kieku kellha tqis l-aġir tad-Direttur fid-dawl tal-provi li tressqu quddiemha, skont il-grad ta' prova applikabbli fil-kamp ċivili, dwar dak li ġara, u li rriżulta, wara l-qbid.[43] Xorta kien ikun meqjus raġonevoli għalih li jasal għall-konklużjoni li kien ġie xjentement żbarkat *gasoil* li fuqu kellu jitħallas dazju, liema dazju ma tħallasx, jew meta ddaħħal Malta (għaliex l-eżenzjoni mhix awtomatika, u f'kull każ tapplika għal *gasoil* importat

---

[40] Għalkemm is-sur Piscopo sostna mod ieħor fil-proċeduri kriminali u anki fil-proċeduri li wasslu biex il-qbid jitneħħa, f'din il-kawża ddikjara li dak li kien inħatt u li kien qed jinġarr kien *gasoil* jew, fi kliemu, *diesel*: ara para. 8 iktar 'l fuq.

[41] Ara affidavit ta' Carmel Attard, paġna 97; u hi konklużjoni li d-Direttur jidher li jemmen mhux biss li kienet raġonevoli, imma anki tajba.

[42] Anki għaliex, fil-fehma tiegħu, jekk dak li ngħad kien veru, it-trasferiment minn bastiment għall-ieħor kellu jsir fil-baħar u mhux jintuża vann. Is-sur Piscopo jilqa' għal dan billi jgħid li dan ma setax isir, iżda ma jidhirx li tressqet prova li ssostni dak li qal. Apparti dan, hemm il-kwistjoni li anki jekk l-istorja kienet waħda veritiera, l-iżbark xorta kellu jsir taħt is-sorveljanza tad-Direttur.

[43] Hawn jista' jingħad li għalkemm id-Direttur kellu bażi biex jaqbad il-bastiment fl-14 ta' Ottubru 2009, forsi ma kellux bżonn jgħaġġel daqshekk, u seta' stenna sakemm waslu għandu r-riżultati tal-analiżi tal-kampjuni. B'danakollu, fil-prattika, ma tagħmilx differenza għal din l-azzjoni.

regolarment) jew fil-mument tal-iżbark (anki jekk kellu eżenzjoni sakemm baqa' fuq l-*Alexandra 1*). Bażat fuq dawn il-konsiderazzjonijiet, kien ikun raġonevoli għalih li jikkonfiska l-bastiment, skont ma jipprovdi l-art. 68(1) tal-Kap. 37. Ta' xejn jingħad li l-Qorti tal-Appell Kriminali waslet għal konklużjoni kuntrarja għaliex, anki jekk dik il-konklużjoni kienet tajba, il-fatt li ngħatat dik id-deċiżjoni ma jfissirx li min jasal għal konklużjoni differenti mhux qiegħed jirraġuna. Pereżempju, għandha bażi, jekk mhix ukoll korretta, il-kritika tad-Direttur dwar il-konsiderazzjoni ċentrali li wasslet għall-ħelsien tas-sur Piscopo mill-akkużi – ċioé li l-*gasoil* kien awtomatikament eżenti mid-dazju.

46. Il-qorti għalhekk sejra ssib li għaliex l-aġir tad-Direttur ma kienx irraġonevoli, ma jirrispondix għat-talbiet tas-sinjuri Piscopo. Għalhekk, filwaqt li sejra tilqa' l-eċċezzjoni 2(vi),[44] tqis li m'għandhiex għalfejn tixtarr l-eċċeżżjonijiet l-oħra tad-Direttur.

***Decide***

Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti, filwaqt li tilqa' l-eċċezzjoni 2(vi) tad-Direttur, tieqaf milli tqis l-eċċezzjonijiet l-oħra tiegħu, u tiċħad it-talbiet tas-sinjuri Piscopo, bl-ispejjeż kontra tagħhom.

Henri Mizzi
Imħallef

Tristan Duca
Deputat Reġistratur

---

[44] Skont kien inhuma użati n-numri fir-risposta ġuramentata, u mhux kif riprodotti hawn fuq, fejn in-numru hu ii(f).